# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 675

KAZ NRU. 352

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Salvino Borg D'Anastasi

u

Eden Hotels Ltd

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Illum: 19 ta' Jannar 1996

Chairman: Dr. Joseph P. Bonnici LL.D.

INTRODUZZJONI

Illi l-lodo moghti min dan it-Tribunal diversament presedjut gie impugnat quddiem il-Qrati tal-Gustizzja u b'sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-13 ta' Gunju 1995 l-istess lodo numru 266/86 moghti fit-13 ta' Marzu, 1986 gie annullat.

Illi fis-seduta tad-29 ta' Settembru, 1995 inqghalet kontraversja fis-sens li l-appellant talab lil dan it-Tribunal jghaddi biex jikkwantifika l-kumpens gust u xieraq dovut lilu, fil-waqt li s-Socjeta' ntimata sostniet li l-kaz ghandu jistema' mill-gdid ab initio!
Ghalhekk, il-partijiet talbu lil dan it-Tribunal jiddeciedi dan il-punt.

KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-istess Onorabbli Qorti tal-Appell kkonfermat sentenza datata 30 ta' Marzu 1993 tal-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili li ddecidiet illi t-tkeccija ta' Borg D'Anastasi saret kontra d-divjiet kontenut fis-Subinciz (21) tal-Art. 34 tal-Kap 135, u dana billi ma kienx gie ottenut l-awtorizazzjoni espressa bil-miktub tad-Direttur tax-Xoghol ossia li tissanzjona l-istess tkeccija. Dana jfisser allura illi l-istess lodo fir-rigward tat-tkeccija tieghu mill-impjieg mas-Socjeta' kienet bla ebda effett fil-ligi.

Illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell marret oltre minn hekk u qalet li l-istess Tribunal ivvjola wkoll l-Art 32(4) tal-Kap 266 li jistabilixxi li ma ghandux imur kontra xi ligi miktuba ecc......li jirregola il-pagi pattijiet u kondizzjonijiet tal-impjieg.

Illi in sostenn tat-tezi rispettiva l-partijiet ipprezentaw nota erudita ta' osservazzjonijiet. L-appellant isostni illi kull ma ghandu jaghmel dan it-Tribunal huwa li jghaddi biex jikkwantifika d-danni u m'ghandux jinvesiga jekk l-appellant setax gie mkecci fuq xi raguni valida u gusta.

Illi da parti taghha, is-Socjeta' ntimata precizament issostni dan l-argument. Dan it-Tribunal ghandu jisma' l-kaz mill-gdid. Aktar u aktar meta t-Tribunal kif diversament presedjut, lanqas biss investiga il-kwistjonijiet o meno li wasslu ghall-allegat "perm-ess" tad-Direttur tax-Xoghol, u x'forma nghata 'in principio'.

Illi jibda biex jinghad illi dan it-Tribunal wasal ghal lodo tieghu fuq kollox hlief fuq il-vertenza kardinali li giet definit-tivament deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell li kkonfermat is-sentenza tal-Prim 'Istanza. Il-punt deciz sic_simplicitor kien illi l-appellant, meta gie terminat lilu l-impjieg ma kienx gie ottenut bil-miktub tad-Direttur tax-Xoghol kif kien risjest 'ex lege'. F'dan l-istadju legali tal-proceduri huwa ormai irrelevan-ti llum illi l-appellant seta' tkecca fuq xi raguni valid u gusta kif kien irritjena l-ewwel Tribunal. Dan kollu gie soprafatt b' dik is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell. Zgur li dan it-Tribunal ma jistax imur kontra dik is-sentenza, u hekk ghandu jaghmel. Dik is-sentenza ddecidiet illi l-lodo tal-ewwel Tribunal ossia li t-tkeccija kienet gusta u valida, kienet nulla. Ir-raguni ghaliex kienet nulla giet ukoll moghtija u dikjarata. Ghal-hekk f'dan l-istadju ma jistghux jingiebu provi kontrarji biex jikkontraducu n-non necessita ta' dak il-famuz permess rikjest per iscritto mid-Direttur tax-Xoghol. Il-kaz ma jistax jerga' jinfe-tah fuq benarji ohra u/jew godda. Dik il-mankanza ormai illum ma tigi bl-ebda mod suffragata. Il-provi huma dawk li huma. Prova aqwa minhekk ma tistax issir - hija perfezzjonata b'sentenza. Mhux il-kaz li din il-kwistjoni terga' tinstema' mill-gdid. L-appellant qed jitlob li jigi akkordat lilu l-kumpens gust u xieraq u hekk ghandhu jsir l-gudizzju separat.

KONKLUZJONI

Ghalhekk dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi Salvino Borg D'Anastasi tkecca ghal raguni mhux gusta kif jirrizulta anke mis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tat-13 ta' Gunju, 1995, u relattivament ghat-talba tieghu ghal kumpens gust, dina qed tigi rizervata ghal gudizzju separat.

ft Joseph P. Bonnici
CHAIRMAN

------------------------
George Attard
SEGRETARJU

SEGRETARJU
TRIBUNAL INDUSTRIJALI

mrg